L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Seduta ppresjeduta mic-Chairman l-Imhallef Michael Mallia, l-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino, u l-Imhallef Abigail Lofaro.

Seduta miżmuma llum it-Tlieta 10 ta' Diċembru, 2019 fis-2:00pm fit-tieni sular, Awla 20, il-Qorti.

Meta ssejħet l-inkjesta dehru Dr. Therese Comodini Cachia ghall-familja u deher ukoll Dr. Andrew Borg Cardona li assocja ruhhu ma' Dr. Therese Comodini Cachia.

Inghata Digriet.

Dr. Therese Comodini Cachia ghall-familja Caruana Galizia titlob lil dan il-Bord sabiex fis-seduta tallum tisma' x-xhieda ta' persuna li hija membru tal-media u li huma infurmati li ghandu informazzjoni direttament relatata ma' ommissjonijiet jew azzjoni li saru minn entitajiet tal-Istat, liema informazzjoni tista' tghin lil din l-inkjesta tidentifika liema huma dawk l-entitajiet tal-Istat u l-persuni konnessi maghhom li ghandhom jigu investigati u li jistghu jigu aktar tard imsejjha bhala xhieda u li jista' jkollhom dokumentazzjoni importanti ghal din l-inkjesta.

It-talba ghas-smigh ta' din il-persuna bhala xhud qieghdha ssir sabiex is-smigh isir illum stess u dan sabiex tigi preservata l-informazzjoni kif ukoll ghaliex huma infurmati li tali informazzjoni tista' tghin l-inkjesta timxi 'l quddiem.

In oltre qieghed jigi mitlub ukoll li s-smigh isir bil-bibien maghluqa u dan sabiex tigi protetta din il-persuna, u anke jigi assigurat li jkun hemm protezzjoni tas-

sorsi ta' din ix-xhud li hija persuna fil-midja. Huwa ghalhekk importanti li din il-persuna u l-informazzjoni taghha tinghata almenu dik il-protezzjoni li x-xhieda tinstema' bil-maghluq.

Il-Bord wara li sema' lill-istess Dr. Therese Comodini Cachia jilqa' t-talba u jordna li s-smigh tax-xhud ikun fil-maghluq u wkoll li isem ix-xhud ma ghandux jigi zvelat jew b'xi mod iwassal biex ikun identifikat.

Rose Vella xehdet bil-gurament bl-Ingliz.

Michael Vella xehed bil-gurament bl-Ingliz.

F'dan l-istadju l-Bord jordna li l-Awla tigi zgumbrata.

Il-Bord jordna li x-xhieda ta' (isem ix-xhud mhux zvelat b'ordni tal-Bord) tittiehed bil-maghluq.

Xehed (isem ix-xhud mhux zvelat b'ordni tal-Bord) bil-gurament u bil-Malti jixhed.

Amy Mallia xehdet bil-gurament bl-Ingliz.

Meghan Mallia xehdet bil-gurament bl-Ingliz.

Helene Axiaq xehdet bil-gurament bl-Ingliz.

Amanda Mallia xehdet bil-gurament bl-Ingliz.

Il-Bord qed jiddiferixxi l-inkjesta ghas-27 ta' Dicembru 2019 fid-9.00 a.m. fejn ghandhom jixhdu Paul u Andrew Caruana Galizia u Corinne Vella.

Rita Falzon

Bord tal-Inkjesta



10 ta’ Diċembru, 2019